**Il-Ministru ta' l-Intern u l-Ambjent ressaq din l-Emenda li ġejja:-**

Illi fl-item "I" 19 fid-dokument "F", jigifieri fil-kuntratt tal-konċessjoni enfitewtika ta' art fil-Marsa lil Marsa Sports and Country Club:-

(a) il-kliem "Marsa Sports and Country Club" kull fejn jirrikorru jiġu sostitwiti bil-kliem "Marsa Sports Club";

(b) fi klawsola 14, minnufih wara l-kliem "mingħajr l-approvazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti" għandhom jidħlu l-kliem li ġejjin:

"B'dana pero' li l-"club" hu obbligat, bħala kondizzjoni tal-kuntratt li, fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni ta' dan il-kuntratt, jagħti b'titolu ta' użu lill-club assoċjat miegħu "Royal Malta Golf Club" u sakemm jibqa' hekk assoċjat, dik il-parti ta' l-art u bini fuqha preżentement okkupata u użata mill-istess Royal Malta Golf Club, liema dritt ta' użu jkun jintitola lill-istess Golf Club li jagħmel il-benefikati u emeljoramenti neċessarji favur l-isport tal-golf.

B'dana pero' wkoll li l-club jista' jidħol fi sħubija dwar it-tmexxija tal-proprjeta' msemmija jew ta' xi parti minnha ma' klabb sportiv jew sezzjoni sportiva oħra affiljat miegħu, *purche'* tali ftehim ikollu l-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministeru responsabbli għall-Isport.".

L-Emenda "A" għaddiet nem. con.

Ir-riżoluzzjoni li tinsab f'Dokument "F", kif emendata, għaddiet nem. con.

Ir-riżoluzzjoni li tinsab f'Dokument "A" għaddiet nem. con.

Ir-riżoluzzjoni li tinsab f'Dokument "B" għaddiet nem. con.

Ir-riżoluzzjoni li tinsab f'Dokument "C" għaddiet nem. con.

Ir-riżoluzzjoni li tinsab f'Dokument "D" għaddiet nem. con.

Ir-riżoluzzjoni li tinsab f'Dokument "E" għaddiet nem. con.

Ir-riżoluzzjoni kif emendate għaddiet nem.con.